MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## ELLUL ANTHONY

Seduta tas-26 ta' April, 2002

Talba Numru. 596/2002/1

**Jean-Pierre Muscat**

**Vs**

**Ferrin Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sitta u hamsin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm656.27), hlas ghal servizzi professjonali ta’ accounti u auditing.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew prezentati mill-attur (Dok. JP1 – JP2).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' sitt mija u sitta u hamsin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm656.27), bl-imghax mid-data tal-hrug ta' kull kont.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**